MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta ta' 27 ta' Settembru, 2002

Talba Numru. 1723/2001/1

**Maltacom plc**
**vs**
**Raymond u Adelaide konjugi Calleja u b'digriet tat-28 ta' Mejju, 2002, giet kjamata in kawza Philip Agius & Sons Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Dicembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u wiehed u hamsin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm451.36), rapprezentanti danni kkagunati fil-cables ta' l-istess socjeta` attrici, meta b'nuqqas ta' hila u traskuragni gew kkawzati hsarat fl-imsemmija cables, waqt xogholijiet fi Triq it-Torri, Msida f'Gunju, 2000, jew data ohra verjuri, skond kopja ta' "invoice" annessa u markata Dok.A;**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-ripsosta tal-konvenuti prezentata fis-16 t'April, 2002, fejn eccepew:**
**i. Illi preliminarjament is-socjeta` attrici ghandha tispecifika bi precizjoni meta sehh l-allegat qtugh ta' cables proprjeta` tas-socjeta` attrici;**
**ii. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-unika kaz dirett fil-konfront ta' l-esponenti kien dak tat-2 ta' Dicembru, 1999 li:**
**a. F'dan il-kaz kienu gew intavolati proceduri kriminali fil-konfront ta' l-esponenti u li minnhom gew liberati permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Magistrat Dr. J. Padovani Grima) tad-9 ta' Frar, 2000, mill-akkuzi kollha;**
**b. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju, id-data ta' l-allegat incident kienet it-2 ta' Dicembru, 1999 u ghalhekk it-talba kif dedotta hija preskritta al fini u effetti kollha tal-Ligi.**
**iii. gie eccepit ulterjorament (seduta tat-28 ta' Mejju, 2002) illi l-konvenuti mhumiex l-legittimi kontradditturi f'din il-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' Victor Busuttil nimpjegat mas-socjeta` attrici.**

**Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Innota li s-socjeta` kjamata in kawza ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti konjugi Calleja, din ma treggix, peress li ma giex indikat l-Artikolu rilevanti fir-rigward.**
**2. Dwar il-fatt li s-socjeta` attrici ma ndikatx data ezatta ta' meta gara l-incident, it-Tribunal innota li kien ikun desiderabbli li tigi ndikata data ezatta, pero` fi kwalunkwe kaz dan il-punt gie ccarat fix-xhieda ta' Victor Busuttil.**
**3. Mix-xhieda ta' Victor Busuttil, impjegat fis-sezzjoni "overseers" tas-socjeta` attrici, jirrizulta li l-**

**hsara grat fis-27 ta' Gunju, 2000, u r-"Roads group" kien ta x-xoghol lil Philip Agius & Sons. Is-socjeta` attrici fir-rigward tax-xogholijiet kienet taf biss lil Philip Agius & Sons, u mhux lil konvenut Calleja.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jilqa' l-eccezzjoni sollevata in kwantu l-konvenuti mhumiex l-legittimi kontradditturi f'din l-kawza, u jilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, qed jilqa' t-talba attrici fil-konfront tas-socjeta` Philip Agius & Sons Ltd. u jikkundanna lill-istess socjeta` kjamata in kawza thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u wiehed u hamsin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm451.36), bl-imghax legali dekorribli mill-lum, salv u impregudikat kull dritt tal-kjamat in kawza kontra terzi.**

**L-ispejjez tal-konvenuti ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici, filwaqt li l-ispejjez l-ohra kollha ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` kjamata in kawza.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**